MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 672/2001/1

**Dr Christian Farrugia bhala mandatarju specjali tal-assenti Mikhail Kalinin u b'digriet moghti fis-26 ta' April 2005 Nadezha Kalinina, Igor Kalinin u Maria Kalinina assumew l-atti ta' din il-kawza minflok il-mejjet Mikhail Kalinin**

**Vs**

**Joe Sant**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta fil-25 ta' April 2001 fl-ismijiet Joe Sant versus Mikhail Kalinin (Avviz numru 1549/00JAB) u liema decizjoni ikkundannat lill-attur odjern

ihallas lill-konvenut odjern is-somma ta’ Lm825 (tmien mija u hamsa u ghoxrin lira) bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ tindif u zebgha ta’ hadid maghmul fuq ordni tal-istess attur odjern, u dan stante li l-avviz relattiv ma kienx validament notifikat lill-attur odjern li fil-jum tan-notifika tal-istess att, ma kienx prezenti Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta’ Gunju 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. Preliminarjament jinkombi lill-attur li jipproduci l-provi tal-mandat specjali minghand l-assenti Mikhail Kalinin.
2. Minghajr pregudizzju tal-premess, in-notifika li saret lil Mikhail Kalinin tal-kawza “Joe Sant vs Mikhail Kalinin” deciza minn din il-Qorti fil-25 ta’ April 2001 hija ritwali, valida u skond il-ligi.
3. Ghalhekk ma tezisti l-ebda raguni ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.
4. Fi kwankwe kaz, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
5. Di piu, l-esponent mhuwiex f’pozizzjoni li jkun jaf jekk u meta jkun imsiefer Mikhail Kalinin u ghalhekk l-esponent ma ghandux ibati ebda spejjez ta’ din il-procedura.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll tal-kaz li tieghu qed tintalab ir-ritrattazzjoni li huma annessi ma’ dawn l-atti.

Rat li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni sottomessa minnu u dan in vista tal-prokura li ggib id-data tat-2 ta’ Marzu 2001 u li in atti a fol 15, li permezz taghha l-attur nomine gie awtorizzat jistitwixxi l-kawza in esami.

Rat id-digriet a fol 44 sa fol 45A tal-istess atti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 811(b) citat fl-avviz in esami jispecifika illi kawza deciza b'sentenza tista' tigi ritratata f'kaz li c-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa.

Illi dwar dan il-punt, mill-lat legali jkun opportun li jigi citat l-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar kif jsiru n-notifiki tal-atti gudizzjarji. Difatti n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att billi din tithalla f'idejn wiehed fis-servizz tal-persuna li lilha ghandha tigi notifikata jew f'idejn persuna awtorizzata mill-istess persuna sabiex tircievi l-posta taghha u dan fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Ikkunsidrat

Illi, meta xehed l-attur nomine (fol 17 et seq ibid) dan spjega illi l-mandanti tieghu, li miet fil-mori ta' din il-kawza ma kienx jaf bl-avviz. Inoltre kien irrisultalu minn ricerki li saru minnu, illi l-avviz promotur tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kien gie notifikat fit-28 ta' Novembru 2000 lil xi hadd bl-isem ta' "Nikiton" (ara fol 12 tal-atti tal-avviz numru 1549/00JAB). Ix-xhud jsostni illi l-mandanti tieghu, fiz-zmien in kwistjoni, kien telaq minn Malta u stabilixxa ruhu f'Londra. Hu kompla billi qal illi l-indirizz specifikat f'ittra ufficjali esebita in atti a fol 20 mibghuta lill-attur odjern in konnesjoni mas-sentenza in kwistjoni kien dak ta' kumpanija "offshore' li maghha il-mandanti tieghu kien 'impjegat'. Jigi notat li l-istess indirizz hu, ukoll specifikat fl-avviz li ghadu kemm issemma numru 1549/00 JAB, waqt li l-istess mandanti tieghu kellu residenza hawn Malta u li kienet a konjizzjoni tal-konvenut odjern. Dwar 'Nikiton', ix-xhud semma li dan kien ukoll impjegat "ma diversi kumpaniji' fosthom dik 'offshore' li ghaliha saret referenza. Fl-ahhar nett ix-xhud rega' tenna illi l-mandanti tieghu ma kienx f'Malta ("jidhirli") meta giet istitwita l-kawza in desamina.

Illi meta gie prodott u xehed l-Ispettur Jason Agius (fol 35 et seq ibid), dan ma setax jghd ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda jekk, filfatt, il-mandanti tal-attur nomine, kienx telaq minn Malta fil-perjodu msemmi fl-istess xhieda.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 57 et seq ibid) spjega illi jumejn qabel ma saret u giet presentata l-kawza in esami Mikhail Kalinin kien hawn Malta ghar-raguni specifikata (ara ukoll ghal kull bon fini l-ittra ufficjali ohra esebita in fotokopja a fol 3 u fol 4 tal-atti tal-avviz numru 1549/00JAB u li giet notifikata personalment lill-istess Kalinin fl-17 ta' Awissu 2000).

Ikkunsidrat

a) Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-avviz numru 1549/00JAB kien gie notifikat skond l-artikolu 187(1) kif hemm fuq citat. Dwar dan ma ghandu jkun hemm ebda dubbju in vista li n-notifika kienet saret skond dak specifikat fl-istess artikolu.
b) Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn analisi tal-provi prodotti u kif hemm fuq esposti, ma giex pruvat fuq basi ta' probabilta, illi l-mandanti tal-attur nomine ma kienx hawn Malta meta giet istitwita l-kawza in desamina u meta saret in-notifika tal-avviz in kwistjoni.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konklusjonjiet ma tistax tigi akkolta t-talba in esami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes jithallsu mill-persuni li assumew l-atti ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------